# Żewġ Tfajliet

*Ġanni Camilleri*

Alan kellu dil-problema.
Kien iħobb sew żewġ tfajliet.
'l Antoniella u 'l Marija.
Kellu dawn iż-żewġ għażliet.

Billi ma kienx jaf x'se jagħmel,
Alan mar jieħu parir.
Sab qassis, bagħtu fil-knisja.
Alan mar bil-ferħ se jtir.

Qallu jitlob lill-Madonna
Għax din kienet tgħinu żgur.
Mar u nxteħet quddiem statwa
Tal-Madonna mżejna fjur.

Wara ftit ħareġ mill-knisja.
B'ġirja mar għand il-qassis.
Qallu, "Issa kollox sewwa.
Lil Marija għażilt jien fis."

Il-qassis ried jaf min nebbħu
Biex fis għażel bla tbatija.
Alan qal li ħdejn l-istatwa
Sab miktub AVE MARIA.



**Philip Attard**
**(Hawker)**

**Tinned Foodstuffs**
**Detergents**
**Toiletries**
**@**
**Discounted Prices**

**Tel: 2141 1782**
**Mob: 7946 3806, 7920 7827**

Nella's by Antonella

hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up

Fortizza Street, Il-Mellieħa

t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335
79274693

www.nellasmalta.com
info@nellasmalta.com